# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 34**

**Rikors numru 156/17/1 AF**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**v.**

**Id-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u fil-verbal tas-7 ta' Novembru, 2017, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni u minflok "Id-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" irid jiġi ndikat bħala "Il-Kummissarju tat-Taxxi"**

**U b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2017, l-Avukat Dr. Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer ġew maħtura Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Joseph Pavia u b'digriet tal-4 ta' Novembru, 2019, il-Qorti ordnat li Joseph Pavia jassumi l-atti personalment u ordnat l-estromissjoni tal-Kuraturi Deputati**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-Kummissarju tat-Taxxi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2021, li biha laqgħet talba tal-bank sabiex jitħassar il-privileġġ speċjali li l-konvenut irreġistra fuq fond proprjeta` tal-konvenut Pavia.

## Preliminari

2. B'rikors maħluf preżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar, 2017, il-bank ippremetta u talab:

> *"1. Illi l-bank attur huwa kreditur ta' Joseph Pavia fl-ammont ta' diversi mijiet ta' eluf ta' Ewro dovuti fil-kwalità personali tieghu kif ukoll bhala garanti tas-socjetà Mambra Electronics Limited liema krediti huma naxxenti minn tlett kuntratti ta' self u facilitajiet bankarji ohra fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza datati lkoll 6 ta' Gunju 2005, liema self kien gie kawtelat b'iskrizzjoni ta' ipoteka specjali Numru I 9999/2006 kif korretta bl-iskrizzjoni I 10559/2005 u I 11003/2005, Ipoteka I 10000/2005 kif korretta bl-iskrizzjoni I 10558/2005, Ipoteka specjali I 10004/2005 kif korretta bl-iskrizzjonijiet I 10560/2005 u I 11446/2005, kopja ta' liema kuntratt u iskrizzjoni qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok. "A" sa Dok. "K";*
>
> *2. Illi dan Joseph Pavia huwa direttur tas-socjetà Mambra Electronics Limited u din l-istess socjetà kienet debitrici tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fis-somma ta' hames mija u hamest elef disa' mija u wiehed u tmenin Ewro u erba' u disghin centezmu (EUR 505,981.94) kif jirrizulta minn ittra ufficcjali tal-14 ta' Lulju 2009, kopja annessa u mmarkata Dok. "L";*
>
> *3. Illi in segwitu d-Direttur Generali konvenut ipproceda biex iskriva privilegg specjali numru 011925 u b'digriet tat-2 ta' April 2019, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni fis-sens li minflok 011925 irid jaqra 011025 tal-2013 fuq proprjetà appartenenti lill-imsemmi Joseph Pavia u cioè l-fondi numri tletin (30) u wiehed u tletin fi Triq il-Warda, iz-Zurrieq, kopja annessa u mmarkata Dok. "M";*
>
> *4. Illi kif jidher mill-istess nota ta' iskrizzjoni, dan il-privilegg gie iskritt a tenur tal-Art. 62 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artiklu jipprovdi:*

> *"Il-Kummissarju jkollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-Artikolu 2009 (a) jew (b) tal-Kodici Civili."*

*5. Illi kif ser jigi pruvat matul dawn il-proceduri, l-fuq imsemmija fondi li jappartjenu lil Joseph Pavia qatt ma kien jifforma parti mill-attività ekonomika ta' Mambra Electronics Limited, liema socjetà kienet registrata mad-Direttur Generali konvenut ghall-iskopijiet ta' attività ekonomika li twassal ghall-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud, bil-konsegwenza ghalhekk illi l-konvenut ma kellux dritt li jiskrivi l-imsemmi privilegg fuq il-proprjetà in kwistjoni; illi fuq kollox id-dejn reklamat mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront ta' Joseph Pavia mhuwiex munit bi privilegg specjali skond il-ligi;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost n-nota tal-ipoteka illi d-Direttur Generali iskriva fuq il-proprjetà residenzjali sitwata gewwa z-Zurrieq giet iskritta intempestivament u ghaldaqstant hija irrita u nulla u dan stante illi tali registrazzjoni giet insinwata qabel ma' Joseph Pavia kien debitament notifikat bl-ittra ufficcjali li nhareg a tenur tal-Artiklu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif jesigi wara kollox l-istess Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*7. Illi l-Bank attur ghandu interess li jikkontesta l-validità tal-iskrizzjoni ta' dan il-privilegg specjali fuq il-proprjetà in kwistjoni billi tippregudika l-gradwazzjoni tal-kreditu tal-Bank attur fuq l-istess proprjetà tad-debitur tieghu Joseph Pavia;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet kollha premessi u prevja kull dikjarazzjoi jew provvediment necessarju, dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-iskrizzjoni tal-privilegg specjali numru 011925/2013, fuq il-proprjetà appartenenti lill-imsemmi Joseph Pavia u cioè l-fondi numru tletin (30) u wiehed u tletin (31) fi Triq il-Warda, z-Zurrieq, hija nulla u minghajr effett skond il-ligi kif fuq premess, billi din il-proprjetà ma tifformax parti mill-attiv li jaghmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar it-taxxa dovuta u fi kwalunkwe kaz kull kreditu fil-konfront ta' Joseph Pavia bhala direttur ta' Mambra Electronics Limited mhuwiex privileggjat skond il-ligi.*

*2. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att tal-kancellament tal-imsemmi privilegg specjali f'data, hin u lok li ghandhom jigu ffissati mill-Qorti u tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci.*

*3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidher in subizzjoni."*

3. Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Mejju, 2017,[1] dik il-Qorti ħatret lill-Av. Dr. Christopher Chircop LL. D. u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi tal-assenti Joseph Pavia;

4. Permezz ta' risposta maħlufa preżentata fl-4 ta' Lulju, 2017[2], il-kuraturi wieġbu:

> *"1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jiddikjaraw li ghadhom mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghaldaqstant qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti u dan sabiex ikunu jistghu jressqu l-ahjar difiza ghan-nom ta' Joseph Pavia.*
>
> *2. Illi dwar il-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi huwa r-rikorrenti li ghandu l-piz tal-prova u cioè illi jrid ikun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinci lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qieghed jaghmel huma fondati.*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

5. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fil-11 ta' Lulju, 2017,[3] il-Kummissarju wieġeb:

> *"1. Illi l-Kummissarju tat-Taxxi, già d-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, iskriva privilegg specjali fuq proprjetà ta' Joseph Pavia, u cioè l-fondi numri tletin (30) u wiehed u tletin (31), fi Triq il-Warda, z-Zurrieq, kontra l-istess Joseph Pavia personalment u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mambra Electronics Limited (numru ta' registrazzjoni C-18626);*
>
> *2. Illi l-imsemmi privilegg specjali gie iskritt mill-Kummissarju tat-taxxi sabiex jikkawtela l-ammont dovut lilu skond l-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre imghax u spejjez, liema kreditu gie rez ezekuttiv u ezegwibbli kontra d-debitur imsemmi permezz ta' ittra ufficcjali pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (Numru 2604/2009 – kopja ta' din l-ittra*

[1] Fol. 57 u 65
[2] Fol. 148
[3] Fol. 153 et seq

*digà giet ipprezentata fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. L anness mar-rikors guramentat tas-socjetà rikorrenti datat nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017);*

*3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa stat ta' fatt illi "[ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti indipendentement mill-privilegg" (vide s-sentenza fl-ismijiet "Konkors ta' Kredituri ta' Carmelo Gauci Limited C5376", moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), Appell Civili Numru 53/2006/1). Di più, anki li kieku "l-Kummissarju … ma kien igawdi ebda privilegg specjali … xorta wahda t-taxxa trid tithallas bi 'preferenza' fuq dejn iehor, anke jekk privileggat." (vide s-sentenza fl-ismijiet "Konkors ta' Kredituri ta' Victor Zammit, direttur ta' kumpanija, Joseph Zammit u l-mejta Agnes Zammit neé Attard, imwieled Birkirkara u joqghod in-Naxxar, u martu Rose Zammit bint il-mejtin Edgar O'Flaherty u Antonia O'Flaherty neé Vella, imwielda Floriana u toqghod in-Naxxar", moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015), Appell Civili Numru 831/2007/I);*

*4. Illi l-fatt li l-Bank ma jistax jippregradwa qabel il-Kummissarju tat-Taxxi jirrizulta b'mod car fid-dawl tat-tieni parti tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406, hawn riprodott:*

> *"62. "Il-Kummissarju ikollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili".*

*5. Mhux minnu li l-proprjetà surriferita fiz-Zurrieq ma tifformax parti mill-attività ekonomika ta' Mambra Electronics Ltd (C-18626) stante wkoll li l-istess proprjetà giet offruta bhala garanzija lill-Bank rikorrenti u dan sabiex jigi kkawtelat il-hlas lura ta' self moghti ghal skopijiet kummercjali, kif muri, inter alia, mill-iskrizzjonijiet fir-Registru Pubbliku pprezentati fl-atti ta' dina l-kawza bhala Dok E, Dok F, Dok G, Dok I u Dok K annessi mar-rikors guramentat tas-socjetà rikorrenti datat nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017). B'hekk malli din il-proprjetà inghatat bhala garanzija biex tikkawtela tali self kummercjali, hija assumiet in-natura ta' parti mill-attività ekonomika tal-imsemmija socjetà;*

*6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost lanqas ma huwa rilevanti jekk il-proprjetà msemmija taghmilx sehem mill-attività ekonomika ta' Mambra Electronics Ltd (C-18626) u dan ghaliex is-subartikoli 66(1), 66(4) u 66(5) tal-Kap. 406 li, inter alia, jipprovdu s-segwenti:*

> *"66. (1) Kull segretajru, manager, direttur, stralcjarju jew ufficjal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u ezekutur testamentarju u kull kuratur tal-eredità vakanti ta' persuna mejta, u*

*kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna ohra jew ta' xi trust, fund, jew enti iehor ghandu jkun rapprezentant, ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna ohra, trust, fund jew enti iehor, skond il-kaz.*

*66. (4) Rapprezentant li jkollu taht it-tmexxija jew kontroll tieghu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rapprezentant taghha ma ghandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm il-darba ma jkunx haseb bizzejjed ghal kull taxxa dovuta taht dan l-Att.*

*(5) Rapprezentant ikollu responsabbilità solidali mal-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna…"*

*7. Illi ghalhekk, fil-kaz odjern, l-esponenti kien intitolat sabiex jiskrivi l-privilegg specjali numru 11025 tas-sena elfejn u tlettax (2013) fuq il-proprjetà sopracitata appartenenti lil Joseph Pavia. Oltre minn hekk, l-esponenti huwa intitolat bil-ligi sabiex, bi preferenza ghal kull kreditur iehor ai termini ta' artikolu 62 ta' Kap. 406, ifittex lil Joseph Pavia ghall-hlas tat-taxxa dovuta mit-taxpayer Mambra Electronics Ltd (C-18626), galadarba l-istess Joseph Pavia huwa d-direttur tal-imsemmija socjetà u ghaldaqstant huwa responsabbli solidament ma' dik is-socjetà u dan skond l-artikolu 66 ta' Kap. 406 kif hawn fuq citat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi."*

6. B'digriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2019, il-konvenut Joseph Pavia assuma l-atti f'ismu;[4]

7. Permezz ta' risposta ulterjuri ppreżentata fl-4 ta' Frar, 2020,[5] il-konvenut Joseph Pavia wieġeb:

*"1. Illi l-esponenti qieghed jintavola risposta ulterjuri u dan kif debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-verbal datat 15 ta' Jannar 2020;*

*2. Illi fl-ewwel lok l-esponent Joseph Pavia ma huwiex debitur tad-Direttur Generali ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-fatt illi l-esponenti kien direttur fi hdan is-socjetà Mambra Electronics Limited ma jfissirx li huwa personalment responsabbli ghal kwalunkwe allegat debitu;*

*3. Illi fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz ir-responsabbilità tal-esponenti hija wahda limitata u dan ai termini*

[4] Fol. 272
[5] Fol. 278 et seq

> *tal-Artikolu 66{5} tal-Kap. 406 u ghaldaqstant id-Direttur intimat ma ghandu l-ebda jedd jippreskrivi kwalunkwe garanzija fil-konfront tal-esponenti personalment;*
>
> *4. Illi fit-tielet lok jigi eccepit illi l-fond numru tletin (30) u wiehed u tletin (31) fi Triq il-Warda, z-Zurrieq la kien u anqas jifforma parti mill-attiv tal-kumpannija Mambra Electronics Limited. Konsegwentement ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta id-Direttur intimat ma ghandu l-ebda jedd jippreskrivi garanziji a favur tieghu;*
>
> *4. Illi fir-raba' lok jigi rilevat illi l-fatt illi l-proprjetà meritu ta' dawn il-proceduri inghatat bhala garanzija ghal debiti tal-kumpannija bl-ebda mod ma jfisser li din tifforma parti mill-attiv. Jigi rilevat illi din il-proprjetà inghatat bhala garanzija ipotekarja minn Joseph Pavia personalment u limitatament ghad-debiti li l-kumpannija kellha mal-bank rikorrenti."*

8. B' sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju konvenut, laqgħet it-talbiet attriċi u nkarigat lin-Nutar Sean Critien sabiex jippubblika l-att ta' kanċellament tal-privileġġ speċjali meritu ta' din il-kawża fi żmien tletin (30) jum mid-data tas-sentenza u nnominat lill-Avukat Dottor Josette Grech sabiex tidher għall-eventwali kontumaċi. Bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Kummissarju tat-Taxxi.

9. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

> *"Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, il-bank attur qiegħed jimpunja l-privileġġ speċjali li l-Kummissarju intimat iskriva fuq il-proprjetà tal-intimat l-ieħor Joseph Pavia, u ċioè 30 u 31, Triq il-Warda, Zurrieq.*
>
> *Mill-provi prodotti jirriżulta li l-bank attur huwa kreditur ta' Joseph Pavia fl-ammont ta' mijiet t'eluf ta' Ewro kemm fil-kwalità tiegħu personali u kemm bħala garanti tas-soċjetà Mambra Electronics Limited, li tagħha Joseph Pavia huwa direttur, naxxenti minn tlett kuntratti ta' self u faċilitajiet bankarji oħra. Dan id-dejn huwa kawtelat permezz ta' diversi ipoteki, fosthom ipoteka speċjali fuq il-proprjetà meritu tal-kawża.*

*Is-soċjetà Mambra Electronics Limited hija debitriċi tal-Kummissarju tat-Taxxi f'ammont li llum ilaħħaq mal-kważi erbgħa miljun Ewro. A tenur tal-artikolu 59(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta:*

> *"Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar."*

*L-ittra uffiċjali li saret skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ġiet preżentata fir-reġistru tal-Qorti nhar l-14 ta' Lulju 2009 kontra l-intimat Joseph Pavia kemm f'ismu personali u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Mambra Electronics. Sa dakinhar is-somma dovuta kienet ta' €505,981.94. Din l-ittra uffiċjali ġiet eventwalment notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, wara tentativi bla suċċess għal notifika bil-mezz ordinarju, fit-2 ta' Awissu 2013.*

*Il-Kummissarju intimat ipproċeda biex iskriva privileġġ speċjali fuq il-proprjeta 30 u 31 Triq il-Warda, Zurrieq, appartenti lill-intimat Joseph Pavia. Dan il-privileġġ ġie iskritt a tenur tal-artikolu 62 tal-Kap. 406 li jaqra hekk:*

> *"Il-Kummissarju ikollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodiċi Ċivili."*

*Filwaqt illi l-bank jippremetti li l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali saret intempestivament għaliex saret qabel ma' Joseph Pavia kien debitament notifikat bl-ittra uffiċjali, jirriżulta li fil-fatt, il-privileġġ speċjali in kwistjoni ġie iskritt fil-5 ta' Awwissu 2013 meta allura l-ittra uffiċjali kienet fil-fatt diġà notifikata lid-debituri.*

*Il-Bank attur jinsisti li din il-proprjetà 30 u 31, Triq il-Warda, Zurrieq, qatt ma kienet tifforma parti mill-attività ekonomika ta' Mambra Electronics u allura l-Kummissarju intimat ma kellux dritt jiskrivi l-imsemmi privileġġ fuq il-proprjetà in kwistjoni kif ukoll illi d-dejn reklamat mill-intimat mhuwiex munit bi privileġġ speċjali skont il-liġi.*

*L-argument tal-Kummissarju intimat huwa li l-bank attur ma jista' qatt jippregradwah u dan fid-dawl tat-tieni parti tal-artikolu 62 tal-Kap. 406.*

*Il-Kummissarju jeċċepixxi wkoll li l-proprjetà in kwistjoni fil-fatt tagħmel parti mill-attiv tal-attività ekonomika ta' Mambra Electronics stante li l-proprjetà ġiet offruta bħala garanzija lill-bank attur sabiex tikkawtela d-dejn tal-imsemmija kumpannija.*

*Finalment, il-Kummissarju intimat jeċċepixxi li a tenur tal-artikoli 66(1), (4) u (5) tal-Kap. 406, huwa kellu dritt sabiex jiskrivi l-privileġġ speċjali in kwistjoni fuq il-proprjetà ta' Joseph Pavia kif ukoll illi jfittex lill-istess Joseph Pavia f'ismu personali bħala direttur ta' Mambra Electronics u jitħallas bi preferenza fuq kredituri oħra mingħand Mambra Electronics jew mingħand Joseph Pavia.*

*Da parti tiegħu, l-intimat Joseph Pavia jeċċepixxi li huwa mhuwiex debitur tal-Kummissarju intimat u li l-istess intimat ma kellux dritt jiskrivi kwalunkwe garanzija kontrih personalment. L-intimat Pavia jeċċepixxi wkoll illi l-proprjetà 30 u 31, Triq il-Warda, Zurrieq, qatt ma kienet tifforma parti mill-attiv ta' Mambra Electronics kif ukoll illi l-fatt illi din il-proprjetà ngħatat bħala garanzija għad-debiti tal-imsemmija kumpannija ma jfissirx illi din saret tifforma parti mill-attiv ta' xi attività ekonomika kif irid l-artikolu 62 tal-Kap. 406.*

*Il-bank attur ma jikkontestax illi Joseph Pavia f'ismu personali u bħala direttur ta' Mambra Electronics huwa responsabbli solidalment ma din il-kumpannija għat-taxxa dovuta lill-Kummissarju intimat skont l-artikolu 66 tal-Kap 406.*

*Il-liġi trid ukoll li l-erarju jitħallas qabel il-privileġġi l-oħra, jiġifieri qabel krediti oħra, anke jekk muniti bi privileġġ u dan skont it-tieni parti tal-artikolu 62. Madanakollu, l-ewwel parti ta' dak l-istess artikolu jistipula ċar u tond illi l-Kummissarju intimat għandu dritt jiskrivi privileġġ speċjali fuq l-attiv tal-attività ekonomika tal-persuna mingħand min tkun dovuta t-taxxa u mhux fuq kwalunkwe proprjetà ta' dik il-persuna. Il-fatt illi d-direttur ta' kumpannija bħala r-rappreżentant tagħha huwa responsabbli solidalment ma dik il-kumpannija għall-ħlas hija xi ħaġa oħra li fuq kollox, kif diġà ntqal, il-bank attur mhuwiex jikkontesta lanqas.*

*Proprju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan l-artikolu, il-Qorti tal-Appell fil-kawża Konkors ta' Kredituri ta' Carmelo Gauci Limited, tas-27 ta' Frar 2009, kienet qalet hekk:*

> *"Din il-Qorti studjat bir-reqqa l-artikolu tal-liġi in kwistjoni u ssib li, sa ċertu punt, iż-żewġ partijiet qed jgħidu affarijiet li għandhom mis-sewwa, u affarijiet li, min-naħa l-oħra, huma żbaljati.*
>
> *Fl-ewwel parti tiegħu dan l-artikolu jagħti "privileġġ speċjali" lill-Kummissarju (u mhux "jedd ta' privileġġ" kif jingħad f'leġislazzjonijiet oħra), u fl-ordinament ġuridiku Malti jeżisti tip wieħed biss ta' privileġġ speċjali, u dan huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodiċi Ċivli. Fil-liġijiet fiskali in kwistjoni il-leġislatur ma tax xi definizzjoni ta' "privileġġ speċjali" għall-finijiet tal-istess liġijiet fiskali, u, għalhekk, it-*

*tifsira ta' dan il-kunċett irid jittieħed mid-definizzjoni tiegħu fil-Kodiċi Ċivili li, sakemm mhux eskluż, japplika b'mod ġenerali. Hu interessanti wkoll li jiġi notat illi dan il-"privileġġ speċjali" ma ngħatax fuq il-beni kollha ta' kull xorta tad-debitur, f'liema każ kien jeħtieġ li jkun deskritt bħala privileġġ "ġenerali" skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodiċi Ċivli, iżda, fuq proprjetà "partikolari" fit-termini tad-definizzjoni ta' privileġġ speċjali fil-Kodiċi Ċivili, u ċioè, fuq "l-attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna". Dan ikompli juri l-ħsieb tal-leġislatur li jorbot dan il-privileġġ ma' dak trattat fil-Kodiċi Ċivili.*

*Issa, fil-waqt li l-privileġġ speċjali fuq ħwejjeġ mobbli, mhux meħtieġ li jiġi reġistrat (Artikolu 2032 tal-Kodiċi Ċivili), il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli m'għandhomx effett "jekk ma jiġux imniżżlin fir-Reġistru Pubbliku" (Artikolu 2029). Dan hu hekk għax privileġġ speċjali fuq immobbli hu munit b'diritto di seguito (Artikolu 2002(2)), b'mod li jibqa' jagħti titolu ta' preferenza u jedd fuq il-proprjetà anke jekk dik il-proprjetà tgħaddi għand persuni oħra. Din ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa fl-interess tat-terzi, għax terz li jkun se jixtri proprjetà partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjetà hijiex qed tagħmel tajjeb għal dejn ta' xi ħadd ieħor. Għalhekk hu importanti li dan il-privileġġ speċjali jiġi reġistrat b'referenza espressa għall-proprjetà immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku (Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta). Reġistrazzjoni ta' privileġġ speċjali sempliċement "fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida għax il-privileġġ irid jolqot proprjetà immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 tal-Att indikat. Fin-nuqqas ta' tali reġistrazzjoni, magħmula kif trid il-liġi, ma jistax jingħad li l-privileġġ speċjali jolqot xi proprjetà immobbli. Fis-sistema legali tagħna, ma hux konċepit "privileġġ speċjali" fuq immobbli mhux reġistrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-liġi, il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli huma, f'kull każ, muniti bid-diritto di seguito.*

*Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-teżi tal-HSBC Bank Malta p.l.c u abbraċċjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap. 406, però, jinqasam f'żewġ partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta' dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526:*

> *"Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista' jingħad li jinqasam f'żewġ aspetti, fl-ewwel parti jiġi stabbilit il-privileġġ speċjali filwaqt li fit-tieni parti jiġi stabbilit <u>illi dan il-privileġġ speċjali</u> jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra fuq dejn privileġġjat ieħor. Jidher għalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-Artikolu 62 li biha kwalunkwe liġi oħra għandha tiġi sottratta għall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata għall-kwistjoni ta' gradwazzjoni <u>diment li jiġi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privileġġ speċjali</u>". (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-liġi ma tgħidx li l-privileġġ speċjali jiggradwa bi preferenza, iżda li "t-taxxa msemmija għandha titħallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoġġetta l-preferenza tal-ħlas għad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privileġġ speċjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Zammit v. Caruana noe, deċiża fit-8 ta' Jannar, 1958, il-kreditu u l-privileġġ huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa ħaġa, u l-privileġġ*

> *huwa ħaġa' oħra. Ghalkemm il-privileġġ ma jistax jissussisti mingħajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti indipendentement mill-privileġġ. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirreġistra l-privileġġ ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu għandu jitħallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor".*
>
> *Bil-privileġġ speċjali, debitament reġistrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista' jinforza l-kreditu tiegħu fuq dik il-proprjetà immobbli partikolari, f'idejn min tkun. Jekk ma jirreġistrax ipoteka speċjali, allura jrid jissodisfa ruħu mill-assi li jkollu d-debitur, b'dan, però, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b'xi privileġġ, il-Kummissarju jitħallas l-ewwel (ħlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).*
>
> *Il-frażi "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta' din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi għall-"privileġġ speċjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-ħlas tat-taxxa li, f'kull każ mill-assi tad-debitur, għandha ssir bi preferenza fuq kull dejn ieħor, hemm x'hemm f'liġijiet oħra.*
>
> *Għalhekk, f'dan il-każ, la darba l-flus garantiti mill-bank għall-fini ta' dawn il-proċeduri, huma r-rikavat mill-bejgħ tal-assi tal-kumpanija debitriċi, it-taxxa dovuta għandha titħallas bi preferenza u qabel kull dejn ieħor bħal dak tal-bank konkorrent."*

*Isegwi għalhekk li l-Kummissarju intimat irid juri li l-proprjetà meritu tal-kawża, li tikkonsisti minn dar u garaxx, tagħmel parti mill-attiv tal-attività ekonomika tad-debituri. Skont ir-reġistru elettorali tal-2016, l-intimat Joseph Pavia kien jgħix f'din id-dar flimkien ma' martu. Madanakollu, il-Qorti tinnota li fl-affidavit tiegħu, l-intimat ma ddikjarax li huwa qatt għex f'din id-dar.*

*Mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova li din id-dar u l-garaxx anness magħha qatt intużaw mill-intimat Pavia jew mis-soċjetà Mambra Electronics b'xi mod li għandu x'jaqsam man-negozju tagħhom. Fil-fatt, l-argument tal-Kummissarju intimat huwa biss illi meta l-intimat Pavia għażel illi jagħti din il-proprjetà bħala garanzija lill-bank attur sabiex jissellef il-flus għan-nom ta' Mambra Electronics, din il-proprjeta saret parti mill-attiv tal-attività ekonomika tal-istess Joseph Pavia jew tal-kumpannija tiegħu. Il-Bank attur għandu kull interess li jimpunja l-privileġġ speċjali li rreġistra l-Kummissarju intimat peress li privileġġ speċjali fuq immobbli hu munit b'diritto di seguito. Mingħajr dan il-privileġġ speċjali, il-Kummissarju intimat jista' biss jitħallas mill-assi tad-debitur filwaqt illi l-bank attur, li jgawdi minn ipoteka speċjali fuq il-proprjetà in kwistjoni, jibqalu jedd fuq il-proprjetà anke jekk din tgħaddi għand terzi.*

*A tenur tal-artikolu 5(2) tal-Kap. 406, attività ekonomika tfisser:*

> *"attività ġestita minn persuna, li ma tkunx impjegat li qed jaġixxi bħala tali, u li tkun tikkonsisti f'wieħed jew iżjed minn dan li ġej:*
>
> *(a) xi negozju jew kummerċ;*

> *(b) xi professjoni jew vokazzjoni jew il-provvista ta' kull servizz personali ieħor;*
>
> *(c) l-esplojtazzjoni ta' proprjetà tanġibbli jew li mhix tanġibbli bil-għan li jinkiseb qligħ minnha tul medda ta' żmien kontinwu;*
>
> *(d) l-għoti minn club, assoċjazzjoni jew organizzazzjoni (għax titħallas xi miżata jew jingħata xi korrispettiv ieħor) tal-faċilitajiet jew vantaġġi disponibbli għall-membri relattivi;*
>
> *(e) id-dħul, b'korrispettiv, ta' persuni f'kull fond."*

*Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi Joseph Pavia offra l-proprjetà in kwistjoni bħala garanzija lill-bank sabiex il-bank isellef il-flus lill-kumpannija tiegħu għan-negozju ma jfissirx illi din il-proprjetà saret tagħmel parti mill-attiv tal-attività ekonomika tal-istess kumpannija jew ta' Joseph Pavia nnifsu. Kif diġà ntqal, la Joseph Pavia u lanqas Mambra Electronics ma kienu jiġġestixxu xi negozju jew kummerċ minn din il-proprjetà u l-għotja ta' garanzija fil-forma ta' ipoteka speċjali fuq proprjetà tad-direttur sabiex il-kumpannija tottjeni self mill-bank jew faċilitajiet bankarji oħra ma jfissirx illi kien hemm attività ekonomika tas-sura ta' 'l-esplojtazzjoni ta' proprjetà tanġibbli ... bil-għan li jinkiseb qligħ minnha tul medda ta' żmien kontinwu' għaliex il-qliegħ tal-kumpannija ma kellux isir minn din il-proprjetà imma min-negozju separat."*

10. Il-Kummissarju konvenut appella mis-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex:

*"tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tilqa' l-Appell odjern u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata kif dedotti fir-rikors promutur tagħha, u, minflok, tikkonferma l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali Nru 11025/2013 favur il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-proprjetà ta' Joseph Pavia, u ċioe l-fondi numri tletin (30) u wieħed u tletin (31), fi Triq il-Warda, iż-Żurrieq, kontra l-istess Joseph Pavia personalment u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Mambra Electronics Limited (numru ta' reġistrazzjoni C 18626).*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà appellata."*

11. Il-bank wieġeb illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u għalhekk din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**Konsiderazzjonijiet.**

12. Mhuwiex kontestat li t-taxxa li qiegħed jipprova jirkupra l-Kummissarju appellant hija dik relatata mal-attivita` ekonomika tal-kumpanija Mambra Electronics Ltd[6], liema attivita` skont tagħrif mogħti mill-konvenut innifsu, kienet '*retail sale of computers, peripheral units and software in specialised stores'* u *'retail sale of audio and video equipment in specialised stores.'*[7] Filwaqt li l-konvenut Pavia, direttur tal-istess,[8] jista' jkun responsabbli solidalment ma' Mambra Electronics Ltd għall-ħlas tat-taxxa dovuta minnha,[9] il-privileġġ speċjali li jgawdi l-Kummissarju konvenut a tenur tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406[10] jirreferi għall-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika tal-persuna taxxabbli, li f'dan il-każ hi Mambra Electronics Ltd. Fil-fatt id-definizzjoni ta' *'persuna taxxabbli'* skont l-Art. 5 tal-Kap. 406 hi: *"..... persuna li twettaq attivita` ekonomika jkun x'ikun ir-riżultat jew l-għan ta' dik l-attivita`"*.

13. Il-kwistjoni bejn il-kontendenti hi jekk ir-residenza personali u proprjeta` tal-konvenut Pavia[11] tistax titqies li tagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' Mambra Electronics Ltd (il-persuna taxxabbli) għaliex dik il-proprjeta` ngħatat b'garanzija speċjali fuq self li l-istess soċjeta` ngħatat

---

6 Fol. 206, 208 – 209, 238
7 Fol. 207
8 Fol. 230
9 Fol. 237 u Art. 66(5) tal-Kap. 406
10 Kwotat testwalment fis-sentenza appellata 'l fuq riprodotta
11 Fol. 212 et seq. u fol. 285

mill-bank attur[12], u allura jekk il-Kummissarju konvenut kellux jedd jiskrivi privileġġ speċjali *ai termini* tal-Art. 62.[13]

14. Fl-appell il-Kummissarju jilmenta li huwa kellu dritt jiskrivi privileġġ fuq il-fond fiż-Żurrieq proprjeta` u residenza tal-konvenut Pavia. Jinsisti li, kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, il-qligħ prospettat minn Mambra Electronics Ltd kien intrinsikament marbut mal-*loan kummerċjali* li hija ħadet mill-bank, liema self *a sua volta* kien iserraħ fuq l-għoti tal-proprjeta` in kwistjoni bħala garanzija. Skont il-Kummissarju appellant, mingħajr dan l-aħħar element, l-istruttura kollha ta' qligħ prospettat taqa' u għalhekk ir-rabta bejn il-qligħ kummerċjali, is-self u l-garanzija hija waħda diretta. Jgħid għalhekk li l-qligħ prospettat kien jiddependi mill-esplojtazzjoni tal-fond *a tenur* tal-Artikolu 5(2) tal-Kap. 406 b'dan illi din il-proprjeta` residenzjali tikkwalifika bħala parti mill-attiv tal-attivita` ekonomika ta' Mambra Electronics Ltd u għalhekk seta' jiġi reġistrat privileġġ speċjali skont l-Artikolu 62 tal-Kap. 406.

15. L-Artikolu 5(2) tal-Kap.406 riprodott fis-sentenza appellata, jiddefinixxi attivita` ekonomika bħala attivita` ġestita minn persuna, li ma tkunx impjegat li qed jaġixxi bħala tali, u li tkun tikkonsisti f'wieħed jew iżjed mil-ħames sitwazzjonijiet li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni. Fir-rigward ta' proprjeta` tirreferi għal, *"(ċ) l-esplojtazzjoni ta' proprjeta`*

[12] Fol. 10 et seq.
[13] Fol. 54

*tanġibbli jew li mhix tanġibbli bil-għan li jinkiseb qligħ minnha tul medda ta' żmien kontinwu".*

16. Dan il-kliem ġie traspost mill-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru, 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud. L-istess jipprovdi illi:

> *"1. "Persuna taxxabbli" għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.*
>
> *Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala "attività ekonomika". <u>L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika</u>."*

17. F'dan il-każ, it-'*trade or business*' tas-soċjeta` Mambra Electronics Ltd ma kellu xejn x'jaqsam mal-fond in kwistjoni. Lanqas ma kien qed isir xi esplojtazzjoni minn dik il-proprjeta` '*for the purpose of obtaining income therefrom on a continuing basis'*. Garanzja fuq dar għal skop ta' self bankarju ma tikkwalifikax bħala '*exploitation of tangible property'*. Dan apparti l-fatt li self mhuwiex qligħ. Ukoll jekk stess dak is-self kien x'aktarx intiż sabiex finalment jiġi ġenerat qligħ, dak il-fatt ma jrendix is-self innifsu bħala tali.

18. Issir referenza għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ fl-ismijiet **Administraţia Judeţeană a Finanţelor**

**Publice Sibiu Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov (DGRFP) v. LN**, deċiż fl-20 ta' Jannar, 2021:[14]

> *"26 Il-kunċett ta' "attività ekonomika" huwa ddefinit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva bħala li jiġbor fih l-attivitajiet kollha ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizz u, b'mod partikolari, "l-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa".*
>
> *27 Fir-rigward tal-kunċett ta' "sfruttament", fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, hija ġurisprudenza stabbilita li dan il-kunċett jagħmel riferiment, konformement mar-rekwiżiti tal-prinċipju ta' newtralità tas-sistema komuni tal-VAT, għal kull tranżazzjoni, tkun xi tkun il-forma legali tagħha, intiża sabiex jiġi ġġenerat mill-oġġett inkwistjoni dħul ta' natura permanenti (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009, SPÖ Landesorganisation Kärnten, C-267/08, EU:C:2009:619, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-2 ta' Ġunju 2016, Lajvér, C-263/15, EU:C:2016:392, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).*
>
> *28 Min-naħa l-oħra, is-sempliċi akkwist jew is-sempliċi bejgħ ta' proprjetà ma jistgħux jikkostitwixxu sfruttament ta' proprjetà intiża li tipproduċi dħul ta' natura permanenti fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, peress li l-uniku dħul minn dawn it-tranżazzjonijiet huwa kkostitwit mill-benefiċċju eventwali meta l-imsemmija proprjetà tinbiegħ (sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Słaby et, C-180/10 u C-181/10, EU:C:2011:589, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).*
>
> *29 Bl-istess mod, is-sempliċi eżerċizzju tad-dritt għal proprjetà mid-detentur tiegħu ma jistax, fih innifsu, jitqies bħala li jikkostitwixxi attività ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Settembru 2011, Słaby et, C-180/10 u C-181/10, EU:C:2011:589, punt 36; tad-9 ta' Lulju 2015, Trgovina Prizma, C-331/14, EU:C:2015:456, punt 23, kif ukoll tat-13 ta' Ġunju 2019, IO (VAT – Attività ta' membru ta' kunsill ta' sorveljanza), C-420/18, EU:C:2019:490, punt 29).*
>
> *...*
>
> *41 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 2(1)(a) u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandhom jiġu interpretati fis-sens li <u>t-tranżazzjoni li permezz tagħha persuna tiġi aġġudikata proprjetà immobbli maqbuda fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata mibdija bl-għan tal-irkupru ta' self mogħti preċedentement u, sussegwentement, tipproċedi għall-bejgħ ta' din il-proprjetà immobbli ma tikkostitwixxix, fiha nnifisha, attività ekonomika, meta din it-tranżazzjoni taqa' taħt is-sempliċi eżerċizzju tad-dritt ta' proprjetà, kif</u>*

[14] Case C-655/19

> *<u>ukoll tal-ġestjoni tajba tal-assi privati, b'tali mod li l-imsemmija persuna ma tistax, taħt l-imsemmija tranżazzjoni, titqies bħala persuna taxxabbli</u>."*

19. Mill-fond ma kien qiegħed isir ebda dħul apparti li m'hemmx prova waħda li l-fond ta' Joseph Pavia kien qiegħed jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika tal-kumpanija Mambra Electronics Ltd (ara wkoll f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti, **HSBC Bank Malta plc v. Id-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud et** tat-22 ta' Ġunju, 2022).

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju konvenut. L-att ta' kanċellament għandu jsir fi żmien tletin (30) jum mil-lum. Bl-ispejjeż a karigu tal-Kummissarju appellant.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jinnotifika kopja awtentika ta' din is-sentenza lin-nutar Sean Critien u lill-kuratriċi Dr Josette Grech.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da